# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar it-Tlieta, 5 ta' Lulju 2022**

**Talba Nru: 95/21 JG**
**Numru fuq il-lista: 2**

**Victor Farrugia (K.I. 1076044(M))**

**Vs**

**Mariella Dimech (K.I. 355264(M)) u Citadel Insurance plc (C-21550) għal kull interess li jista' jkollha**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat nhar l-24 ta' Marzu 2021, permezz ta' liema, l-attur talab li l-konvenuti jiġu kkundannati jħallsu l-ammont ta' elfejn tliet mija ħamsa u sebgħin Ewro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€2,375.74) rappreżentanti danni finanzjarji inkorsi mill-attur partikolarment f'dak li jikkonċerna kura u terapija, kawża tal-inċident li seħħ nhar l-20 ta' Mejju 2020. Intalab ukoll kumpens li ma jeċċedix il-ħamest elef Ewro (€5,000) bħala kumpens għal danni

morali li qed jallega li sofra u li għadu qed isofri l-attur, kawża tal-imsemmi inċident.[1] Intalbu wkoll l-imgħax u l-ispejjeż;

Ra r-risposta tal-konvenuti Mariella Dimech u Citadel Insurance plc tat-18 ta' Ġunju 2021 fejn l-konvenuti rrilevaw li ma hemmx kontestazzjoni tar-responsabilita' għall-inċidenti u anqas dwar €1,950.84 mid-danni mitluba mill-attur. Il-kontestazzjoni tal-konvenuti hija limitata biss għal €424.80 rappreżentanti f'*legal charges*. Il-konvenuti laqgħu wkoll bl-eċċezzjoni illi din it-talba saret bla bżonn stante li l-attur kien diġa' jaf dwar il-pożizzjoni tal-assikuratriċi konvenuta u ġie eċċepit ukoll illi ma hemmx l-elementi li trid il-liġi għall-għoti tal-kumpens f'danni morali kif mitluba mill-attur;[2]

Ra r-rikors tal-attur tat-30 ta' Ġunju 2021 li permezz tiegħu l-attur talab lil dan it-Tribunal sabiex jiddikjara illi l-intimati huma kontumaċi f'dawn il-proċeduri u sussegwentement jordna l-isfilz tar-risposta ppreżentata mill-konvenuti nhar it-18 ta' Ġunju 2021;[3]

Ra d-digriet ta' nhar id-19 ta' Ottubru 2021, tramite liema, dan it-Tribunal ċaħad it-talbiet tal-attur kif kontenuti fir-rikors tat-30 ta' Ġunju 2021;[4]

Sema' ix-xhieda tal-attur Victor Farrugia;[5]

---

[1] A fol 1 *et seq*
[2] A fol 14 *et seq*
[3] A fol 18 *et seq*
[4] A fol 26 *et seq*
[5] A fol 29 *et seq*

Ra d-dokumenti esebiti mal-avviż tat-talba kif ukoll id-dokumenti li ġew ippreżentati waqt ix-xhieda ta' Victor Farrugia fis-seduta ta' nhar id-29 ta' Novembru 2021;[6]

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur tal-1 ta' Marzu 2022;[7]

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti tat-30 ta' Marzu 2022;[8]

Ra li fis-seduta ta' nhar it-12 ta' April 2022, il-partijiet qablu li l-kawża titħalla għas-sentenza għal-lum;[9]

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra**

Illi qabel mat-Tribunal iqis l-aspetti legali ta' din il-kwistjoni, tinħass il-ħtieġa li l-istess Tribunal jirrakkolji u jispjega, anke jekk brevement, ix-xhieda miġbura f'dawn il-proċeduri.

[6] A fol 2 sa 8 u 33 sa 36
[7] A fol 39 *et seq*
[8] A fol 40 *et seq*
[9] A fol 49

Illi in suċċint, ix-xhieda kienet din li ssewgi.

**<u>Xhieda/Provi</u>**

Illi f'dawn il-proċeduri xehed l-attur in eżami[10]. Essenzjalment dan xehed illi kawża tal-inċident tal-20 ta' Mejju 2020, fejn huwa ġie mtajjar mill-konvenuta Mariella Dimech waqt li kien qiegħed jagħmel xi xogħol ta' tiħkil fid-*drive-way* tiegħu, spiċċa qatta' ħmistax-il jum l-isptar u wara kellu bżonn il-fisjoterapija. Huwa xehed li minħabba li kien żmien il-pandemija, kien kostrett li jattendi għal fisjoterapija f'dar privata, u ċioe' Simblija Care Home stante li fl-isptar Karen Grech kien hemm diversi restrizzjonijiet. L-attur xehed ukoll illi huwa għadda minn trawma psikoloġika kbira, għadu jsofri minn uġigħ u sofra dannu kbir anke għaliex spiċċa jiddependi ħafna fuq ħaddieħor għal tul ta' żmien, u dan apparti li min kien jiddependi fuqu, u ċioe' familtu, ma setgħux jibqgħu jagħmlu dan fiċ-ċirkostanzi. Dwar danni morali, meta mistoqsi mit-Tribunal jekk għandux idea ta' kemm hi din it-talba, l-attur wieġeb li jħalli f'idejn it-Tribunal.

Illi fl-istess seduta tad-29 ta' Novembru 2021, l-attur ippreżenta dokumenti[11] u ċioe' rapport l-Għassa tal-Pulizija ta' Ħal Balzan mibgħut minnu lill-Għassa msemmija, datat l-1 ta' Lulju 2020, flimkien ma' rapport ieħor datat l-1 ta' Lulju 2020 magħmul mill-konvenuta Mariella Dimech fejn fiha tat il-verżjoni tagħha.

Illi din kienet l-unika xhieda f'dawn il-proċeduri. Ma ġie prodott l-ebda xhud ieħor mill-ebda parti.

---

[10] A fol 29 *et seq*
[11] A fol 33 sa 37

It-Tribunal jinnota illi għalkemm il-kontro-eżami tal-attur ġie riservat da parti tal-konvenuti, dan baqa' qatt ma sar. Lanqas ma ġew prodotti xi provi dokumentarji u/jew xhieda permezz ta' affidavit da parti tal-konvenuti, jew min minnhom. Dwar dan, it-Tribunal sejjer jamplifika aktar l'isfel.

**<u>Kunsiderazzjoni</u>**

**<u>Mertu</u>**

Illi dan it-Tribunal sejjer l-ewwel u qabel kollox jindirizza n-nuqqas ta' kontestazzjoni da parti tal-konvenuti fir-rigward tar-responsabilita' tal-inċident tal-20 ta' Mejju 2020.

Illi huwa ċar li l-konvenuti m'humiex qegħdin jikkontestaw li r-responsabilita' tal-inċidenti in kwistjoni hija tal-konvenuta Mariella Dimech, bħala s-sewwieqa tal-vettura involuta fl-inċident, u anqas ma qiegħdin jikkontestaw l-ammont ta' €1950.84, rappreżentanti danni sofferti mill-attur eskluż il-*legal charges* u danni morali.

Illi fid-dawl ta' dan kollu, dan it-Tribunal jidhirlu illi ma hemm l-ebda prova kuntrarja u/jew xi sfond li fih saret l-ammissjoni ta' responsabilita' li jista' jwassal għal deċiżjoni li l-ammont ta' €1950.84 mhux fil-fatt dovut mill-konvenuti lill-attur. Anzi, jirriżulta ċar mir-risposta li l-konvenuti ammettew din il-parti tat-talba. Huwa ndubitat li ammissjoni bħal din hija aktar qawwija minn

kull prova oħra għaliex "*confessio est probatio probatissima"*[12]. Għalhekk, f'każ fejn din iseħħ, idejn it-Tribunal ikunu marbuta u jkun jista biss jilqa' t-talba. Jiġi wkoll mfakkar li meta s-seħħ ammissjoni, ġudikant għandu jgħaddi sabiex jilqá dak mitlub iżda mhux li jiddikjara l-mertu tal-proċediment eżawrit[13].

Illi għal dawn ir-raġunijiet, dan it-Tribunal ma għandux għalfejn jinoltra ruħu oltre' dwar il-kwistjoni ta' responsabiltà, kif wara kollox ġie ammess fir-risposta tal-konvenuti.

Illi jidher li l-kontestazzjoni ewlenija tal-konvenuti huwa l-ammont ta' €424.80 indikat fil-fattura[14] liema ammont jkopri servizzi legali reżi mid-ditta AE Legal lill-attur qabel ma ġie intavolat l-avviż odjern. Mill-fattura, jirriżulta li l-ispejjeż jirrigwardaw korrispondenza mal-assiguratriċi, ilment formali mal-assiguratriċi u ittra uffiċjali, li n-numru tagħha mhux speċifikat. It-Tribunal jinnota li ma ġietx ippreżentata la kopja ta' tali ittra uffiċjali li tissemma fil-fattura in kwistjoni, la kopja tal-ilment u anqas kopja tal-korrispondenza. Lanqas ma ġew mitluba l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali speċifikament flimkien mal-ispejjeż ta' din it-talba u l-imgħax kif mitluba.

---

[12] *La confessione é la superprova.* – Brocardo 940 *bis* – **Dizionario dei Termini Ġiuridici e dei Brocardi Latini,** Edoardo Mori, VII ed, fol 101.
[13] *Vide* f'dan is-sens dak li ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Grima vs Alfret Attard et**, (App Ċiv Nru: 3/2013/2), mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) nhar is-6 ta' Ottubru 2020. Inċidentalment, saret referenza (u dak hemm deċiż reġa ġie kkonfermat) għal din is-sentenza riċentement fis-sentenza fl-ismijiet **HSBC Bank Malta p.l.c. vs Lawrence Grima et,** (Rik Ġur Nru: 646/2021 CFS) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-8 ta' Ottubru 2021.
[14] A fol 8 tal-proċess.

Illi, it-Tribunal jinnota wkoll illi l-fattura ppreżentata mill-attur a fol. 8, hija sempliċiment *'proforma invoice'* li tispeċifika b'mod ċar li mhux irċevuta fiskali. B'hekk, it-Tribunal jista' jistrieħ biss fuq dak li xehed bil-ġurament l-attur,[15] u ċioe' li l-*legal charges* ħallashom hu lid-ditta legali.

Illi, għalkemm il-konvenuti qiegħdin jikkontestaw l-ammont f'*legal charges* kif inkorsi mill-attur, dawn ma ressqu l-ebda prova sabiex jispjegaw għalfejn huma ma għandomx jiġu ordnati jħallsu tali ammont lill-attur. Il-konvenuti kellhom kull opportunita' sabiex jressqu l-provi tagħhom, iżda huma naqsu milli jagħmlu dan. L-anqas ma sar il-kontro-eżami da parti tal-konvenuti lill-attur wara li dan xehed quddiem dan it-Tribunal.[16]

Illi huwa minnu illi dan it-Tribunal huwa mogħni bil-fakolta' affidata lill-Ġudikatur skont l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta, biex jiddeċiedi skont l-ekwita', iżda dan ma jfissirx illi parti hija b'xi mod eżonerata mill-obbligu li tforni dawk l-elementi probatorji neċessarji.[17] It-Tribunal jara illi l-konvenuti baqgħu passivi u subenti fid-dawl tal-provi prodotti mill-attur.[18]

---

[15] Xhieda viva voce tal-attur fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2021.

[16] Illi t-Tribunal ma jistax ma jirrimarkax illi l-attur kien xhud materjali u ta' ċertu importanza. Dwar in-nuqqas ta' kontro-eżami ssir referenza għalll-awturi Richard Glover u Peter Murphy, fl-opra tagħhom **Murphy on Evidence** jgħidu hekk: *"Failure to Cross-examine a witness who has given relevant evidence for the other side is held techincally to amount to an acceptance of the witness's evidence in chief. It is, therefore, not open to a party to impugn in a closing speech, or otherwise, the unchallened ebidence of a witness called by his opptononet, or even to seek to explain to the tribunal of fact the reason for the failure to cross-examine"* –XIII edizzjoni, a fol 632. Utli wkoll issir referenza għass-sentenza fl-ismijiet **Michael Mangion et vs Il-Kontrollur tad-Dwana**, (Rik Nru: 1338/10 MCH), deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fit-18 ta' Lulju 2017.

[17] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Dr Tonio Azzopardi vs. Daniel Cini**, mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri), deċiża 12 ta' Mejju 2003.

[18] Fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Tonna vs Philip Azzopardi** (Appell Ċivili Nru: 503/2002/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-12 ta' April, 2007 ġie ritenut hekk: *"ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-*

Illi t-Tribunal jinnota wkoll illi l-konvenuti illimitaw ruħhom li jallegaw fl-eċċezzjoni tagħhom illi l-ħlas tal-*legal charges* mhux dovuti minnhom, iżda proċeduralment naqsu milli jmorru oltre'.[19] B'hekk, il-konvenuti waqfu biss sal-eċċezzjoni f'dan is-sens fir-risposta tagħhom, liema eċċezzjoni kienet waħda ta' indoli pjuttost ġenerali u mingħajr l-ebda elaborazzjoni ulterjuri. Wara kollox, eċċezzjoni bħal talba, tibqa' mera allegazzjoni mingħajr is-sostenn tal-prova. Ċertament illi ma għandux ikun it-Tribunal illi jagħmel dak li parti għandha tagħmel f'kawża.[20]

---

*prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu ('actori incumbit probatio'), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-attur ('reus in excipiendo fit actor')"*

[19] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza ta' dan it-Tribunal diversament presedut fl-ismijiet **Dr Jean Karl Soler vs Ministru għas-Saħħa** (Avviz tat-Talba 119/2018 KCX) fejn intqal; *"Hekk kif kien l-artefici ta' kif ghazel li jiddefendi ruhu, issa l-konvenut irid ikun is-suggett passiv tal-procediment u jissubixxi l-konsegwenzi relattivi. Huwa ferm wisq facli li konvenut f'kawza jaghti difiza/eccezzjoni wahda generika u jistenna – jew jippretendi – illi it-Tribunal joqghod jispigola gewwa l-provi rakkolti matul il-procediment jew ifittex qalb l-eventwali sottomissjonijiet sabiex ilibbes lil tali difiza/eccezzjoni generika b'libsa partikolari. Dan m'ghandux ikun hekk. Hekk kif l-parti attrici ghandha turi sew u car x'qed titlob, il-kompitu talparti konvenuta hija li tindividwa sew ghaliex u kif qed tirrezisti istanza."*

[20] Fis-sentenza fl-ismijiet **F. Advertising Limited vs Simon Attard et** (Appell Ċivili Nru: 866/2007/1), mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-21 ta' Mejju 2010, intqal hekk: *"Kif imtenni bosta drabi minn din il-Qorti, id-disponibilita` tal-provi hi dejjem mhollija fl-inizzjattiva tal-parti. Dan, multo magis, imbaghad in vista tal-principju generali li l-oneru tal-prova jaggrava dejjem fuq il-parti li tallega l-fatti migjuba biex issostni d-domanda. Jekk dan ma jsirx, u fid-djalettika processwali l-parti tonqos li ggib il-prova okkorrenti, dik l-istess parti ma tistax tlum lit-Tribunal milli jiddeciedi iuxta alligata et probata ghax dan hu wkoll principju konsagrat fid-duttrina procedurali u, in kwantu tali, jintitola lill-gudikant li jestraji d-decizjoni tieghu unikament mill-allegazzjonijiet provati, u mhux ukoll minn dak li messu ngieb ghab-bazi tad-domanda u baqa' ma giex offert bi prova konvinċenti".*

F'dan is-sens, b'mod speċjali għal dak li jikkonċerna dan it-Tribunal, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Fallon Grech Blackman vs Lara Filletti**, (App Ċiv Nru: 474/2002/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-23 ta' Ġunju 2004 fejn dwar dan intqal hekk: *"B'danakollu dan ma jfisserx, ukoll, illi kien hemm xi obbligu fuq it-Tribunal f'dan il-kaz li jikkonduci hu l-provi tal-partijiet."*

Illi, għalhekk, tenut kont li l-ammont in kwistjoni m'huwiex wieħed esaġerat, il-konvinċiment tat-Tribunal ixaqleb aktar lejn it-teżi tal-attur, u ċioe' li dawn l-ispejjeż saru minħabba l-inċident li r-responsabiltà' tiegħu hija ammessa da parti tal-konvenuti, u li sussegwentement, dawn il-flus tħallsu mill-attur. Għaldaqstant, it-Tribunal, huwa tal-fehma illi t-talba għad-danni *inkluż legal charges*, kif magħmula mill-attur, għandha titqies ġustifikata.

Illi jifdal biss it-talba rimanenti tal-attur, u ċioe' dik għal-likwidazzjoni ta' danni morali, sa massimu ta' €5000 f'danni morali.

Illi l-kwistjoni ta' danni morali huwa suġġett illi ħoloq ċertu kontroversja mat-trapass taż-żmien, fl-evoluzzjoni tal-liġi u l-ġurisprudenza nostrana. Ai termini tal-Artikolu 1045 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, bl-emendi tal-Att XIII.2018 u Att XXXII.2017, ġie introdott iswed fuq l-abjad il-kunċett ta' danni morali fil-Kodiċi Ċivili, biss, minn qari tad-dispożizzjoni imsemmija, huwa ċar li l-leġislatur irriserva d-danni morali sa' massimu ta' €10,000 f'każ ta' danni li jkunu kawżati minn reati kriminali, li ma jkunx reat involontarju, b'dan illi l-imsemmi artikolu jgħid is-segwenti;

> *1045. (1) Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġebgħaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'lquddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, lidak l-għemil seta' jġib:*

*Iżda fil-każ ta' danni li jkunu kawżati minn reat kriminali, li ma jkunxreat involontarju, u biss fil-każ ta' delitti li jaffettwaw id-dinjità tal-persuni taħt it-Titolu VII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-KodiċiKriminali u ta' delitti volontarji kontra l-persuna li jkunu soġġetti għalpiena ta' mill-inqas tliet snin priġunerija taħt it-Titolu VIII tat-TaqsimaII tal-Ewwel Ktieb tal-istess Kodiċi, sal-limitu massimu ta' għaxart elefeuro (€10,000) jew sa dak il-limitu massimu kif il-Ministru responsabbligħall-ġustizzja jista' b'regolamenti jistabbilixxi kemm dwar l-ammontmassimu kif ukoll dwar kif jiġi komputat skont il-każ, id-dannu li jridjiġi riparat għandu jinkludi wkoll il-ħsara morali u, jew psikoloġikakkawżati li-rikorrent*

Illi f'liġijiet speċjali oħra, bħalma huma l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur[21] u l-Liġi dwar Wegħdiet ta' Żwieġ,[22] il-leġislatur jispeċifika l-possibilita' li ssir talba għal danni morali, tant illi l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, per eżempju, jispeċifika wkoll parametri ta' ammonti li jistgħu jiġu likwidati mit-Tribunal relattiv f'danni morali fiċ-ċirkostanzi.

Illi f'dan ir-rigward, it-Tribunal issir referenza għad-dispożizzjonijiet tal-liġijiet speċjali li jakkordaw il-fakolta' tal-likwidazzjoni tad-danni morali;

Illi fl-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, fl-artikolu 14 insibu illi;

*14.(1) Fuq talba wkoll verbali ta' konsumatur aggravat jewtal-uffiċjal prosekutur f'ismu, il-qorti għandha meta l-akkużatjinsab ħati ta' reat kontra xi dispożizzjoni tal-Att u xi regolamentmagħmul taħt l-artikolu 7,*

[21] Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta
[22] Kapitolu 5 tal-Liġijiet ta' Malta

*toħroġ ordni ta' kumpens li bih il-misjubħati għandu jkun ordnat iħallas lill-konsumatur aggravat bħalakumpens sħiħ jew parzjali –*

*(a) ammont li ma jkunx iktar minn sitt mitt euro (€600)għal kull telf ta' flus, u*

*(b) ammont li ma jkunx inqas minn ħamsa u tletin euro(€35) u mhux iktar minn seba' mija u ħamsin euro(€750) bħala danni morali għal kull uġiegħ, għali, ansjetà u inkonvenjenza,għal danni mġarrba mill-konsumatur aggravat b'riżultat tar-reat jewb'konsegwenza tiegħu.*

*(2) Kull kumpens ordnat taħt is-subartikolu (1)(a) għandu jitnaqqas minn kull ammont li jista' jingħata b'sentenza ta' qortijew tribunal ta' ġurisdizzjoni ċivili dwar l-istess kwistjoni.*

Filwaqt illi fl-artikolu 21 insibu illi;

*21.(1) Tribunal jaqtal-kwistjonijiet f'talba jew kontro-talbapreżentati quddiemu skont kull meritu u ġustizzja sostantiva tal-każ, u skont l-ekwità:Iżda kull kwistjoni li jista' jkun hemm dwar il-preskrizzjonigħandha tinqata' skont il-liġi.*

*(2) Tribunal jista', meta jaqtal-kwistjonijiet f'talba jew kontro-talba preżentati quddiemu, jordna lill-kummerċjant iħallas lill-konsumatur ammont li ma jkunx inqas minn ħamsa u tletin euro(€35) u mhux iktar minn ħames mitt euro (€500) bħala* **danni morali** *għal kull ħsara, deni, ansejtà u inkonvenjenza.*

Illi fil-Liġi dwar Wegħdiet ta' Żwieġ, l-Artikolu 3(2) jgħid hekk;

*(2) F'kull azzjoni bħal din, il-parti offiża għandha l-jedd titlob,mhux biss id-danni u l-ispejjeż li jkunu fil-fatt ġew ikkaġunati u lijkollhom jingħataw skond il-liġi, iżda wkoll dik is-somma raġonevoli ta' flus, b'kumpens għall-**inġurja ikkaġunata**, li l-qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, meta tqis il-karattru u l-kondizzjoni tal-partijiet kif ukoll iċ-ċirkostanzi l-oħra kollha tal-każ, jidhrilha lihija xierqa, u li, wara li tisma' l-kawża, tagħti u tiffissa.*

Illi fl-Att dwar il-Midja u l-Malafama,[23] l-artikolu 9 jgħid is-segwenti;

*9. Fi proċeduri mibdija skont dan l-Att, il-Qorti tista' tordna lill-konvenut iħallas somma mhux aktar minn ħdax-il elf sitt, mija u erbgħin euro (€11,640) bħala **danni morali** flimkien ma' danni reali taħt kwalunkwe liġi li tkun fis-seħħ:Iżda f'azzjonijiet ta' inġurja, l-ammont massimu li għandu jiġi mogħti għal danni morali huwa ta' ħamest elef euro (€5,000)*

Illi mbagħad fl-Artikolu 12(2) tal-Kapitolu 488 tal-Liġijiet ta' Malta,[24] l-leġislatur ukoll jirreferi għal danni morali;

*12. (2) Meta tkun qegħda tistabbilixxi l-ammont ta' danni dovuti, għandu jitqies mill-Qorti kull aspett rilevanti, inklużi l-konsegwenzi ekonomiċi negattivi kollha li setgħu ġew imġarrbamill-parti li tkun ġarrbet il-ħsara inkluż kull telf ta' profitti, kifukoll profitt inġust li jkun sar minn min ikun qiegħed jikkommettil-ksur u, skont ma tqis li jkun adatt, elementi oħra,*

[23] Kapitolu 579 tal-Liġijiet ta' Malta
[24] Att li jirregola l-infurzar ta' Drittijiet ta' Proprjeta' Intellettwali

*bħalma huma l-preġudizzju morali, kaġunati lid-detentur ta' drittijiet b'dak il-ksur:*

*Iżda minflok il-metodu ta' stima ta' danni hawn qabel imsemmi, il-Qorti tista', meta tqis li jkun hekk adatt, tagħżel litapplika metodu ta' stima alternattiv li jkun jinvolvi l-għoti ta'somma globali ta' danni li għandhom jitħallsu u li tkun tinkludielementi bħalma huma, mill-inqas, l-ammont ta' royalties jewħlasijiet li kienu jkunu dovuti kieku l-persuna li tkun qegħdatikkommetti l-ksur kienet talbet li tiġi awtorizzata tuża d-drittintellettwali in kwistjoni.*

Illi t kien hemm drabi fejn dan it-Tribunal, kif diversament presjedut, kellu l-opportunita' illi jindirizza l-kwistjoni tal-fakolta' o meno tat-Tribunal li jillikwida danni morali. Issa, f'dan ir-rigward, jidher li fil-ftit okkażżjonijiet li kien hemm fil-passat, ġieli ġara illi l-pożizzjoni tat-Tribunal kienet waħda illi sa fejn id-danni morali li jiġu allegati jistgħu jissarfu f'somma ta' flus, it-Tribunal huwa kompetenti biex jiddeċiedi kwistjoni ta' din ix-xorta.[25] Madanakollu, kien hemm drabi oħrajn fejn it-Tribunal, kif diversament presjedut, rinfaċjat b'talba għal danni morali u eċċezzjoni li tisħaq li dan it-Tribunal mhux kompetenti li jillikwida tali danni morali, ma ħax pożizzjoni ċara u espliċita'[26]. Tenut dan kollu, tali silenzju tat-Tribunal xorta waħda jista' jinfthiem li jimplika li mhux eskluża tali kompetenza tat-Tribunal.

[25] **<u>Hany Ewedah vs Food Chain Limited</u>** (Talba nru. 558/18 CŻ) deċiża mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar, nhar it-2 ta' Lulju 2020

[26] **<u>Dr Shaheryar Ghaznavi vs. Air Malta plc</u>**, (Talba Nru: 2321/2004 PBC) deċiża mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar nhar is-17 ta' Novembru 2005. F'din is-sentenza ġie eċċepit mis-soċjeta' konvenuta li dan it-Tribunal ma jistax jillikwida danni morali. F'dan ir-rigward, it-Tribunal kien qal li mhux qed jillikwida danni morali għaliex li kieku għamel dan il-kumpens kien ikun ferm aktar. L-implikazzjoni allura hija li mhux eskluża l-kompetenza tat-Tribunal li jillikwida danni morali.

lli tajjeb li jerġa jiġi sottolinjat li dan it-Tribunal huwa prinċipalment regolat minn liġi speċjali *ad hoc* u ċioe', mill-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta. Sakemm din il-liġi speċjali hija silenzjuża jew ma tagħmilx referenza espliċita' għal xi liġi oħra aktar ġenerali, hija dik il-liġi speċjali li għandha tiġi applikata.[27] Dan ma huwa xejn għajr kliem ieħor għall-massima *lex specialis derogat generalis.*

Illi b'kuntrarju għal-liġijiet speċjali oħrajn, bħal dawk surreferiti ma jirriżultax illi l-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta, ma jispeċifikax din l-istess kompetenza lil dan it-Tribunal biex jillikwida u jordna ħlas ta' danni morali.

Illi ai termini tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta, dan it-Tribunal għandu jkollu "*ġurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000)"*.

Illi d-diċitura tal-liġi f'dan ir-rigward, *prima facie*, tista' tati lok għal ftehim illi dan it-Tribunal huwa kompetenti sabiex jaqta' u jiddeċiedi talba għal danni morali, u dan sakemm din it-talba ma teċċedix il-€5,000.

Illi minkejja dan, jibqa' l-fatt illi għajr għal din id-dispożizzjoni, xejn aktar fil-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta ma jixħet dawl fuq il-possibilita' o meno, li dan it-Tribunal jillikwida u sussegwentement jordna l-ħlas ta' danni morali.

[27] Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta

Illi ma għandhomx jiġu introdotti prinċipji ritwali ġodda li l-leġislatur Malti ma jkunx espressament provda għalihom, u dan stante li huwa ben magħruf illi dak li trid il-liġi, tgħidu espressament, u dan abbażi tal-massima "*ubi lex voluit, lex dixit.*"[28]

Illi fid-dawl ta' dan is-silenzju fil-liġi speċjali *ad hoc* li tirregola t-Tribunal, dan it-Tribunal huwa kostrett li jirrikorri għal-liġijiet ġenerali. Kif spjegat aktar 'l fuq, il-liġi ġenerali li titratta d-danni fiċ-ċirkostanzi ta' din it-talba.

Illi issa, bl-applikazzjoni tal-artikolu 1045 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, dan it-Tribunal iħoss illi ċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ ma jinkwadrawx fil-parametri magħmulha mil-leġislatur fl-Artikolu 1045, partikolarment stante illi dan l-avviż mhux wieħed relatat ma' xi reat kriminali volontarju.[29]

Illi għalhekk, anke jekk għal grazzja tal-argument, l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta jista' jinftiehem li dan it-Tribunal jista' jillikwida u jordna l-ħlas ta' danni morali sa' massimu ta' €5000, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni aktar speċifika minn hekk, meta wieħed iħares lejn l-Artikolu 1045, jirriżulta illi l-

---

[28] Illi fis-sentenza ta' dan it-Tribunal diversament presjedut, fl-ismijiet **Alfred Xerri vs Kevin Chircop et** (Avviż tat-talba nru: 31/2016 KCX) deċiża nhar is-6 ta' Ġunju 2018, saret referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Neg. John Coleiro ne v. Onor. Dr. Giorgio Borg Olivier ne et** (Prim'Awla, 22 ta' Gunju, 1957) fejn inghad illi, "*Il giudice deve applicare la disposizione quand'anche gli sembrasse ingiusta. "Dura sed lex". Il giudice è istituito per giudicare secondo la legge. Permettere al giudice di non applicare la legge quando la trova iniqua sarebbe sostituirla colla coscienza del giudice e sostituire l'arbitrio di lui alla volontá del legislatore (persone I, §236).*"

[29]Sa fejn huwa applikabbli issir referenza għal dak li ġie deċiż riċentement fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Rapa et vs Anthony Chircop et,** (Rik Ġur Nru: 886/2018) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-28 ta' Ġunju 2022.

elementi li trid il-liġi għal-likwidazzjoni ta' danni morali taħt l-Artikolu 1045, ma jinkonkorrux f'din il-kwistjoni.

Illi għalhekk, dan it-Tribunal huwa tal-fehma li tali talba tal-attur għal-likwidazzjoni u sussegwenti ħlas ta' danni morali, ma għandix tiġi milqugħha.

Illi dwar il-kwistjoni rimanenti tal-ispejjeż jingħad dan li ġej. L-attur talab illi l-ispejjeż għandhom ikunu a karigu tal-konvenuti. Min-naħa l-oħra, il-konvenuti eċċepew illi l-ispejjeż tal-kawża odjerna għandu jbatihom l-attur stante li kien hu li għażel li jipproċedi b'din il-proċedura quddiem it-Tribunal, u dan meta ma kienx hemm kontestazzjoni da parti tas-soċjeta' assikuratriċi konvenuta rigward ir-responsabbiltà' tal-konvenuta Mariella Dimech u danni ammontanti għal €1,950.84.

Illi f'dan ir-rigward, it-Tribunal huwa tal-fehma illi ma nġabet l-ebda prova da parti tal-konvenuti illi turi sodisfaċentement, illi l-attur seta' kellu xi konferma tan-nuqqas ta' kontestazzjoni da parti tal-konvenuti, jew min minnhom. Lanqas ma ġew eżebiti xi provi da parti tal-konvenuti li jmorru kontra l-allegazzjoni tal-attur fix-xhieda tiegħu illi s-soċjeta' assiguratriċi mhux minnu illi "kaxkret sieqha" biex tindirizza l-ilment tal-attur. Fin-nuqqas tal-provi li jistgħu jikkontradixxu dak imressaq taħt ġurament mill-attur, u anke abbażi tal-prinċipju ta' ekwita',[30] dan it-Tribunal mhux tal-fehma illi dak li xehed l-attur m'għandux jitwemmen, u għalhekk, it-Tribunal ma jħossx li din l-eċċezzjoni tal-konvenuti għandha tintlaqa'.

Illi rigward it-talba tal-imgħax da parti tal-attur, it-Tribunal jispjega illi għalkemm l-ammont ta' €2,375.74 qed jingħata in linja ta' danni, dan huwa

[30] Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta

eżattament l-ammont li ġie mitlub fl-avviż promotur u għalhekk il-konvenuti kienu ben konxji ta' dak li kien qed jiġi mitlub minnhom[31]. B'hekk dan it-Tribunal iqis li l-imgħax għandu jiddekorri mill-preżentata tal-Avviż tat-Talba.

Għaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi filwaqt li jiċħad uħud mill-eċċezzjonijiet kif hawn fuq spjegat, jilqa' limitatament t-talbiet tal-attur, u konsegwentement jordna lill-konvenuti iħallsu s-somma ta' elfejn tliet mija u ħamsa u sebgħin Ewro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€2,375.74) *in solidum* bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tal-Avviż[32] sal-ħlas effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu *in solidum* u fl-intier tagħhom mill-konvenuti[33].

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

[31] Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Anthony Busuttil Vs Anton Camilleri u A.M. Developments Limited,** (App Ċiv Nru: 187/2009/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) u mogħtija nhar is-16 ta' Marzu 2016.
[32] 24 ta' Marzu 2021.
[33] Dan ai termini tal-artikolu 10 tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta u minħabba r-raġunijiet magħmula f'din id-deċiżjoni.